MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 465/2001/1

**Micard Ltd**

**vs**

**Marga Co. Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm975.23,0 (disgha mija u hamsa u sebghin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu) rapprezentanti import ta' disgha kambjali skaduti, accettati u firmati mis-socjeta konvenuta. Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri bonarji tat-12 ta' Frar 2001 u tal-25 ta' April 2001 u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju prezentat mal-avviz u bl-imghax ulterjuri kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat li ma gewx annessi l-kambjalijiet imsemmija fl-avviz.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma derhitx fl-20 ta' Novembru 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm975.23,0 bl-imghax legali mit-23 ta' Mejju 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri bonarji tat-12 ta' Frar 2001 u tal-25 ta' April 2001 u tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru tat-23 ta' Mejju 2001.

Alan Calleja
Deputat Registratur